# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 453/2019 JVC**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282 (M), bhala mandatarju specjali tal-assenti Albert Likaj, detentur tal-passaport numru P00735868, u bhala mandatarju specjali tal-assenti Albulena Likaj, detentrici tal-passaport numru P00205263, f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Gent sive Beqë Likaj**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrentl l-Avukat Dottor Alexander Schembri noe et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

**I.** ʻILLI l-esponent Avukat Dottor Alexander Schembri gie awtorizzat jipprezenta l-proceduri odjerni bhala mandatarju specjali tal-assenti Albert Likaj, detentur tal-passaport numru P00735868, u bhala mandatarju specjali tal-assenti Albulena Likaj, detentrici tal-passaport numru P00205263, fʼisimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* taʼ binhom minuri Gent sive Beqë Likaj, bis-sahha taʼ prokura specjali tat-30 taʼ Jannar 2019 (**DOK: A)**;

**II.** ILLI l-minuri twieled nhar l-10 taʼ Lulju 2015 gewwa Prishtinë, r-Repubblika taʼ Kosovo (**DOK: B**), u, sussegwentement, inghata cittadinanza Maltija bʼnaturalizzazzjoni u passaport Malti nhar it-18 taʼ Lulju 2018 (**DOK: C)**;

**III.** ILLI t-twelid tal-minuri gie debitament registrat gewwa r-Registru Pubbliku taʼ Malta, kif jirrizulta mill-Att taʼ Twelid numru 4447 tat-18 taʼ Lulju 2018 (**DOK: D)**, u, fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/ bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", gie registrat l-isem "Gent Likaj";

**IV.** ILLI, sussegwentement, u permezz taʼ decizjoni tal-10 tʼAwwissu 2018 (**DOK: E)**, moghtija gewwa r-Repubblika taʼ Kosovo, isem il-minuri gie korrett minn "Gent Likaj" ghal "Beqë Likaj", u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;

**V.** ILLI, wara l-imsemmija decizjoni, u wara li, nhar it-13 t'Awwissu 2018, il-genituri tal-minuri ghamlu dikjarazzjoni quddiem Nutar, kif mehtieg skond il-ligi tar-Repubblika tal-Kosovo (**DOK: F)**, inhareg certifikat tat-twelid gdid ghall-minuri (**DOK: G)**, li jixhed l-isem "Beqë Likaj", minflok l-isem "Gent Likaj", u dan anke wara li gie accertat li d-decizjoni tal-10 t'Awwissu 2018 kienet, effettivament, awtorizzat il-korrezzjoni ta' isem il-minuri b'dan il-mod (**DOK: H)**;

**VI.** ILLI, effettivament anke l-passaport tal-minuri, mahrug mir-Repubblika tal-Kosovo, gie mibdul sabiex jigi rifless isem il-minuri bhala "Beqë Likaj", minflok "Gent Likaj", u dan kif jirrizulta mill-passaport il-gdid tal-minuri li wkoll inhareg nhar it-18 t'Awwissu 2018 (**DOK: I)**;

**VII.** ILLI, madanakollu, minkejja li d-Direttur tar-Registru Pubbliku konvenut gie interpellat sabiex jikkoregi l-Att ta' Twelid numru 4447 tat-18 ta' Lulju 2018, in linea mas-suespost, l-istess Direttur konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

**VIII.** ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

**I.** TORDNA, skond l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

**II.** TORDNA korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 4447 tal-2018, billi fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem "Gent Likaj", u, minflok, jigi registrat l-isem "Beqë Likaj";

**III.** TORDNA illi l-isem "Beqë Likaj" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi huwa qatt ma gie interpellat mir-rikorrent sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018. Madanakollu, fl-istess waqt l-esponent jecepixxi illi kieku ghal grazzja tal-argument huwa gie interpellat sabiex jaghmel dan, huwa qatt ma seta' jipprosegwi bil-korezzjoni tal-Att in kwistjoni stante li s-sentenza moghtija mill-Qorti tar-Repubblika tal-Kosovo nhar il-10 ta' Awwissu 2018 ma hijiex rikonoxxuta hawn Malta, liema rimedju seta' jigi utilizzat qabel mar-rikorrenti pproceda b'din l-azzjoni;

2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi huwa ma huwiex edott mill-fatti kif dikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-minuri Gent Likaj twieled gewwa Prishtine, il-Kosovo, nhar il-10 ta' Lulju 2015. Sussegwentament ghal tali twelid, il-minuri ottjena c-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni;

4. Illi in vista tal-fatt illi l-minuri huwa cittadin Malti, l-Att tat-Twelid tieghu esteru seta' jigi registrat hawn Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Tali registrazzjoni saret abbazi tat-talba tar-rikorrenti u l-Att tat-Twelid esteru li r-rikorrenti stess fornew lil konvenut, liema dokumenti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2' u 'Dok. DRP 3', rispettivament. Id-Direttur konvenut kien obbligat illi jirregistra tali Att tat-Twelid ad verbatim, u b'hekk fis-sitwazzjoni odjerna ma kien hemm l-ebda nuqqas jew ommissjoni da parti l-istess konvenut;

5. Illi f'dan l-istadju, l-esponent jissottolineja illi s-sistema taghna ma tippermettix li jsiru korrezzjonijiet fic-certifikati registrati minhabba atti li sehhew wara r-registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kien fil-fatt ikkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Nejah Nasrallah (ID 49111L) bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah vs Direttur Registru Pubbliku,** deciza nhar il-31 ta' Ottubru 2017. Madanakollu, fis-sentenza msemmija, din l-Onorabbli Qorti kompliet billi tispjega illi *"l-bidla f'Atti ta' stat civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghall-bidla jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn. L-interess tal-intimat huwa sewwasew l-interess ta' dawn it-terzi, b'mod illi meta bit-talba maghmula l-interess tal-pubbliku ma jkunx qieghed igarrab hsara jew pregudizzju, it-talbiet ta' attur ghandhom jintlaqghu, jekk kemm-il darba jirrizultaw pruvati kif ghandu jkun"*;

6. Illi in vista tal-premess u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tkun tal-umli fehma illi nonostante r-rimedju ordinarju l-iehor, ir-rikorrenti setghu xorta wahda jipprosegwu b'din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi f'kaz li t-talbiet kif dedotti jigu milqugha, l-isem li kieku *se mai* jigi rregistrat ikun dak ta' 'Beqe' u mhux 'Beqë', stante illi l-ittra 'ë' ma tiffurmax parti mill-alfabett Malti;

8. Illi finalment u minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ngunti in subizzjoni'.

Rat l-affidavits, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat fil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2019 Dr Alexander Schembri ghar-rikorrenti ddikjara li d-decizjoni tal-10 ta' Awwissu, 2018 mhijiex sentenza ta' Qorti izda hija decizjoni amministrattiva li ttiehdet gol-Kosovo li jirrizulta mid-dokumenti 'E' u 'F' li gew esebiti mar-rikors guramentat promotur;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Marzu, 2020 Dr Anthony Borg ghad-Direttur intimat indika lill-Qorti illi l-isem Beqë kif indikat fit-talbiet m'ghandux jinkludi sinjali fuq l-ittra 'E' fl-ahhar tal-isem u

dan ghaliex ma jezistux fl-alfabett Malti jew Ingliz u rat ukoll in-nota ntavolata in segwitu ghal dak ivverbalizzat fejn Dr Alexander Schembri nomine ddikjara li huwa jaqbel illi l-isem Beqë kif indikat fit-talbiet attrici m'ghandux jinkludi s-sinjal indikat fuq l-ittra "e" fl-ahhar tal-isem, ossia ghandu jaqra Beqe u mhux Beqë jew Beqe';

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Lulju, 2020 il-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Dottor Alexander Schembri kif debitament awtorizzat minn Albert Likaj u Albulena Likaj f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Gent sive Beqe Likaj talab li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018 billi fil-kolonna intestata 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithassar l-isem 'Gent Likaj' u jigi sostitwit bl-isem 'Beqë Likaj'.

Fir-risposta guramentata tieghu d-Direttur intimat fost affarijiet ohra eccepixxa preliminarjament illi huwa qatt ma gie nterpellat mir-rikorrent sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru 4447 tas-sena 2018. Fl-istess waqt eccepixxa illi anke kienu ghal grazzja tal-argument huwa gie nterpellat sabiex jaghmel dan, huwa qatt ma seta' jipprosegwi bil-korrezzjoni stante li s-sentenza moghtija mill-Qorti tar-Repubbblika tal-Kosovo datata 10 ta' Awwissu, 2018 ma hijiex rikonoxxuta hawn Malta, liema rimedju seta jigi utilizzat qabel ma' r-rikorrenti prosegwa bil-kawza odjerna. Eccepixxa li

huwa m'huwiex edott mill-fatti kif dikjarati u li s-sistema taghna ma tippermettix li jsiru korrezzjonijiet fic-certifikati registrati minhabba atti li sehhew wara r-registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghal dan il-fini kkwota minn decizjoni fl-ismijiet **Nejah Nasrallah (ID 49111L) bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah -vs- Direttur Registru Pubbliku** deciza nhar il-31 ta' Ottubru, 2017. Id-Direttur intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti u gibed l-attenzjoni li f'kaz li t-talbiet kif dedotti jigu milqugha, l-isem li jigi registrat ghandu jkun 'Beqe' u mhux 'Beqë', stante li l-ittra 'ë' ma tiffurmax parti mill-alfabett Malti. Finalment id-Direttur intimat ikkonkluda billi ssottometta li fi kwalunque kaz l-azzjoni mhijiex wahda attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-21 ta' Mejju, 2019 u prova ta' dan giet esebita a fol. 24 tal-process.

**<u>Eccezzjoni Preliminari:</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari d-Direttur intimat eccepixxa li huwa qatt ma gie nterpellat mir-rikorrenti sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018. Madanakollu, fl-istess waqt eccepixxa wkoll illi anke kieku gie nterpellat sabiex jaghmel dan, huwa qatt ma seta' jipprosegwi bil-korrezzjoni stante li s-sentenza moghtija mill-Qorti tar-Repubblika tal-Kosovo nhar l-10 ta' Awwissu, 2018 m'hijiex rikonoxxuta f'Malta, rimedju li seta' jigi utilizzat qabel inbdiet il-kawza odjerna.

Illi b'referenza ghal din l-eccezzjoni fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2019 Dr Alexander Schembri ghar-rikorrenti vverbalizza s-segwenti:

> 'Dr Schembri b'referenza ghall-ewwel (1) eccezzjoni tad-Direttur Intimat jirrileva li d-decizjoni tal-10 ta' Awwissu 2018 mhix sentenza ta' qorti kif jinghad fl-istess eccezzjoni izda hija decizjoni amministrattiva li ttiehdet gol-Kosovo kif jirrizulta mid-dokumenti 'E' u 'F' annessi mar-rikors guramentat promotorju.'

Illi din il-Qorti rat id-decizjoni datata 10 ta' Awwissu, 2018 li gietipprezentata kemm fil-lingwa tal-Kosovo a fol. 9 u fol. 10 tal-process, kif ukoll, fil-verzjoni tradotta ghal lingwa Ingliza a fol. 11 u fol. 12 tal-process minn fejn din il-Qorti setghet tikkonstata li d-decizjoni nghatat mid-dipartiment bl-isem ta' 'Directorate of Administration'. Fl-istess decizjoni aktar il' quddiem bhala remedju legali gie ndikat li jista jsir appell mill-parti fi zmien 30 gurnata mid-data li jirceviha. Dan l-appell kellu jigi ndirizzat '*...to the commission for revision of appeals at the Ministry of Internal Affairs – Civil Registration Agency, through this organ it shall be delivered to the QPSHQ.*' Din il-Qorti rat ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti Albert Likaj u martu Albulena Likaj quddiem in-Nutar datata 13 ta' Awwissu, 2018 liema dikjarazzjoni giet esebita bil-lingwa tal-Kosovo a fol. 13 tal-process u fil-verzjoni tradotta ghal lingwa Ingliza a fol. 14 tal-process. Dan jikkollabora dak iddikjarat minn Dr Alexander Schembri li effettivament il-procedura adoperata hija wahda amministrattiva u mhux intavolata quddiem Qorti.

Di piu' fic-certifikat datat 13 ta' Awwissu, 2018 esebit a fol. 17 tal-process u t-traduzzjoni tieghu fil-lingwa Ingliza a fol. 18 tal-

process hemm notament li ulterjorment tikkonferma li d-decizjoni hija wahda ta' ufficcju amministrattiv u mhux ta' Qorti. Din il-Qorti sejra tikkwota *ad verbatim* mit-traduzzjoni li saret fejn inghad illi '*...Based on the Decision of the Civil Status Office in Prishtina No. 014-201-194558, dated 10.08.2018 it is allowed to change the personal name Name-Surname from Gent Likaj to Beqë Likaj*'.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' Dr Alexander Schembri, kif ukoll, tad-dokumenti esebiti, gjaladarba d-decizjoni kienet wahda amministrattiva u mhux minn Qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta kif tirrikjedi l-ligi, id-decizjoni tal-10 ta' Awwissu, 2018 ma setghetx tintalab li tigi tigi rikonoxxuta bhal decizjonijiet ta' Qrati barranin u fi kwalunkwe kaz kellha bilfors issir il-procedura odjerna.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lil persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi fil-hames eccezzjoni tieghu d-Direttur intimat eccepixxa li s-sistema taghna ma tippermettix li jsiru korrezzjonijiet fic-certifikati registrati minhabba atti li sehhew wara r-registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghal dan il-fini rrefera u kkwota minn sentenza fl-ismijiet Nejah Nasrallah (ID 49111L) bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah -vs- Direttur Registru Pubbliku deciza nhar il-31 ta' Ottubru, 2017.

Illi l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jittratta r-registrazzjoni ta' att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta, maghmul jew registrat f'pajjiz barrani jista jigi registrat f'dawn il-Gzejjer. Dan l-artikolu jaqra kif isegwi:

> '(1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.
>
> (2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

Illi jirrizulta li l-minuri Gent Likaj li twieled fl-10 ta' Lulju, 2015 gewwa Prishtine fir-Repubblika tal-Kosovo nghata c-cittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni. L-Att tat-Twelid tal-minuri Gent Likaj gie debitament registrat gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-18 ta' Lulju, 2018 bl-Att tat-Twelid igib in-numru progressiv 4447 tas-sena 2018 (ara att tat-twelid a fol. 8 tal-process). Minn dan l-att jirrizulta li fil-kolonna '*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*' l-isem u l-kunjom hemm indikat huwa dak ta' Gent Likaj. Fl-istess att tat-twelid bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018 hemm notament li jaqra kif isegwi:

> 'The original birth act is a true copy of reference number 19/2015RL/19001 kept at the ministry of internal affairs, Municipality, Civil Status office, Prishtine, Kosovo and filed for registration in this office by the herein mentioned's legal advisor Antoine Saliba Haig.'

Illi kopja ta' l-Att tat-Twelid bir-referenza 19/2015RL/19001 giet esebit a fol. 7 u fol. 8 tal-process minn fejn jirrizulta li originarjament il-minuri kien nghata l-isem ta' Gent Likaj.

Illi madanakollu jirrizulta li r-rikorrenti kellhom ripensament u dana stante li huma pprocedew sabiex ressqu talba quddiem id-'Directorate of Administration' tal-Kosovo fejn talbu li isem il-minuri ma jibqax Gent pero' jsir Beqë. Bhala raguni ghal tali tibdil nghatat li huma xtaqu li binhom jiehu l-isem tan-nannu tieghu sabiex l-isem jibqa' fil-familja bhala sinjal ta' rispett u in memorja tieghu. Permezz ta' decizjoni datata 10 ta' Awwissu, 2018 id-'Directorate of Administration' tal-Kosovo laqghet it-talba. (ara decizjoni fil-lingwa tal-Kosovo u t-traduzzjoni taghha ghal-lingwa Ingliza a fol. 9 *et seq* tal-process). Sussegwentament nhar it-13 ta' Awwissu, 2018 ir-rikorrenti ghamlu dikjarazzjoni quddiem Nutar gewwa l-Kosovo fejn permezz taghha ddikjaraw ix-xewqa taghhom u l-qbil li binhom jibdel ismu minn dak ta' Gent ghal dak ta' Beqë (ara dikjarazzjoni quddiem in-Nutar bil-lingwa tal-Kosovo u t-traduzzjoni taghha ghal-lingwa Ingliza a fol. 13 *et seq* tal-process). Dawn il-proceduri waslu sabiex gie rilaxxat Att ta' Twelid gdid bl-isem Beqë Likaj (ara certifikat a fol. 16 tal-process).

Illi din il-Qorti qrat fl-intier taghha d-decizjoni kkwotata mid-Direttur intimat fl-ismijiet **Nejah Nasrallah (ID 49111L) bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah -vs- Direttur Registru Pubbliku** minn fejn il-Qorti setghet

tikkonstata li l-fatti ta' dak il-kaz huma diversi minn dak odjern. Fil-kaz ikkwotat intalab li isem il-missier jigi nkluz fic-certifikat tat-twelid stante li kien imnizzel bhala missier mhux maghruf. Il-Qorti f'dak il-kaz wara li ezaminat jekk il-kambjament kienx sejjer jaffettwa l-pubbliku, kkonkludiet fl-interess suprem tal-minuri. Konsiderazzjoni li din il-Qorti sejra taghmel wkoll fil-kaz in ezami.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ghandha quddiemha tifel ta' hames (5) snin li twieled gewwa Prishtine fir-Repubblika tal-Kosovo. Gie naturalizzat cittadin ta' Malta u l-Att tat-Twelid tieghu gie registrat gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-18 ta' Lulju, 2018 bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018. Il-kawza odjerna giet intavolata nhar l-10 ta' Mejju, 2019 u ghalhekk f'inqas minn sena mir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tal-minuri. Il-Qorti tqis li huwa nverosimili li bit-tibdil fl-isem tal-minuri minn dak ta' Gent ghal dak ta' Beqe sejjer b'xi mod jigu ppregudikati l-interess pubbliku aktar u aktar ikkunsidrat li fil-ligi taghna minuri ta' dik l-eta' ma jistax jaghmel atti tal-hajja civili jekk mhux fic-cirkostanzi li tippermetti l-ligi. Gjaladarba l-minuri fil-Kosovo huwa gja ufficjalment maghruf bl-isem ta' Beqe u l-Qorti fehmet mill-atti li huwa wkoll maghruf b'dan l-isem fil-hajja tieghu ta' kuljum mill-familjari tieghu din il-Qorti fl-interess suprem tal-minuri taqbel li dan il-kambjament ghandu wkoll jigi rifless f'Malta.

Fir-rigward is-seba' eccezzjoni fejn d-Direttur intimat gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti sabiex jekk fil-kaz li t-talbiet ikunu ser jintlaqghu r-registrazzjoni ghandha ssir minghajr s-sinjali fuq l-ittra 'ë'. Din il-Qorti taghmel referenza ghan-nota pprezentata mir-rikorrenti nhar it-2 ta' Lulju, 2020 a fol. 46 tal-process fejn ir-rikorrenti qablu li l-isem '**Beqë**' kif indikat fit-talbiet attrici m'ghandux jinkludi s-sinjal indikat fuq l-ittra 'e' fl-ahhar tal-isem, ossia ghandu jaqra '**Beqe**'. Fid-dawl ta' dak iddikjarat fin-nota, din

il-Qorti sejra sabiex tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet kif indikati ghajr ghal mod kif huwa ndikat l-isem billi r-referenza ghal 'ë' uzata fl-isem 'Beqë' ghandha tkun miktuba bil-mod uzat fl-alfabett tal-lingwa Maltija u cioe' 'e' biex l-isem ikun jaqra 'Beqe' minghajr ebda sinjal fuq l-ahhar ittra 'e'.

Il-Qorti taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif registrat u li l-bzonn tal-kawza odjerna emana biss konsegwenza ta' atti tal-istess rikorrenti. Ghaldaqstant il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak suespost, tghaddi sabiex tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata stante li jirrizulta li d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret nhar il-21 ta' Mejju, 2019 kopja taghha tinsab esebita a fol. 24 tal-process;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 4447 tas-sena 2018 billi fil-kolonna intestata 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithassar l-isem 'Gent Likaj' u, minflok, jigi registrat l-isem 'Beqe Likaj';

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna illi l-isem Beqe Likaj jibqa jigi wzat/indikat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-**Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.**

Bl-ispejjez ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta′ Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta′ Settembru, 2020**